MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1067/2000/1

**Joseph u Maryrose konjugi Scicluna**

**vs**

**Charles u Josephine Barbara u Francis u Josephine sive Joyce konjugi Barbara**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt pubbliku quddiem in-Nutar Mario Bugeja fit-3 ta’ Gunju 1999 (Dok.A);

Illi fost il-kundizzjonijiet hemm indikat il-konvenuti in solidum obbigaw ruhhom sabiex jottemperaw ruhhom mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt fuq indikat;

Illi l-konvenuti kienu obbligaw ruhom li: “are binding themselves to obtain and maintain at their expense, a suitable bank guarantee up to the sum of ten thousand Malta Liri in warranty of their faithful performance and observance of all the obligations undertaken by them on this deed under a penalty of ten Malta Liri per week or part thereof for any transgression of this obligation. This guarantee is to remain valid for the whole period of this grant…”;

Illi apparti mis-suespost il-konvenuti accettaw li jhallsu multa stante in-non-osservanza tal-kundizzjonijiet kif spjegat;

Illi ghalkemm interpellati bil-miktub anki verbalment, il-konvenuti baqghu indjampjenti;

Ghalhekk la-tturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

tordna l-konvenuti taht piena ta’ disprezz biex fi zmien qasir u perentorju fi zmien stabbilt mill-Qorti jaghtu favur l-attur il-garanzija bankarja imsemmija fil-kuntratt;

tillikwida l-penali sad-data tal-produzzjoni tal-garanzija;

tikkundannhom ihallsu s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 2000, kif ukoll bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u bis-subizzjoni ta’ l-istess konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-liusta tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Francis u Josephine konjugi Barbara fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi huma naxxenti minn kuntratt simulat u ghalhekk bla effett. Illi sussidjarjament u minghajr predudizzju ghas-suepost, l-atturi qatt ma nnotifikaw lill-konvenuti bl-ammont ezatt tal-garanzija;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Francis u Josephine konjugi Barbara debitament konfermata bil-gurament u llista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tal-atturi tat-18 ta' Gunju 2004 li biha huma cedew il-mertu tal-kawza imma zammew ferm il-kap tal-ispejjez;

Ikkonsidrat:

In vista tal-imsemmija nota tal-atturi tat-18 ta' Gunju 2004 il-Qorti mhux ser tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu u ghalhekk baqa biss li jigi deciz il-kap tal-ispejjez;

Mill-kumpless ta' provi prodotti u fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz hu gust u opportun li l-konvenuti in solidum bejnithom jigu kundannati jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu u dana in vista tal-imsemmija nota tal-atturi tat-18 ta' Gunju 2004 u billi fit-tieni lok tikkundanna lill-konvenuti kollha sabiex in solidum bejnithom ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------